## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação do Porto (Il-Portugall) fit-30 ta' Novembru 2009 — Manuel Carvalho Ferreira Santos vs Companhia Europeia de Seguros, S.A

**(Kawża C-484/09)**

(2010/C 37/21)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Qorti tar-rinviju

Tribunal da Relação do Porto

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Manuel Carvalho Ferreira Santos

*Konvenuta:* Companhia Europeia de Seguros, S.A.

### Domanda preliminari

(1) F'inċident tat-traffiku li ma jkun imputabbli għal nuqqas tal-ebda wieħed mis-sewwieqa, u li jikkawża danni personali u materjali lil wieħed mis-sewwieqa (il-parti inġurjata li qed titlob il-kumpens), il-fatt li r-responsabbiltà għar-riskju tista' tinqasam (Artikolu 506(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili), b'effett dirett fuq l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lill-parti inġurjata għad-danni materjali u mhux materjali li jirriżultaw mid-danni personali (fil-fatt dan it-tqassim ta' responsabbiltà għar-riskju jwassal għal tnaqqis proporzjonali tal-ammont tal-kumpens), huwa kuntrarju għad-dritt Komunitarju, jiġifieri għall-Artikoli 3(1) tal-Ewwel Direttiva (Direttiva 72/166/KEE) ([1]), 2(1) tat-Tieni Direttiva (84/5/KEE) ([2]) u 1 tat-Tielet Direttiva (90/232/KEE) ([3]), kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej?

([1]) Direttiva tal-Kunsill, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà

([2]) Tieni Direttiva tal-Kunsill, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur

([3]) Tielet Direttiva tal-Kunsill, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (Il-Ġermanja) fl-1 ta' Diċembru 2009 — Viamex Agrar handels GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas

**(Kawża C-485/09)**

(2010/C 37/22)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Viamex Agrar handels GmbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Hamburg-Jonas

### Domandi preliminari

(1) Il-paragrafu 5 tal-punt 48 tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE ([1]), kif emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995, li temenda d-Direttiva 91/628/KEE dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ([2]), japplika għat-trasport bil-ferrovija?

(2) F'każijiet fejn il-ksur tad-Direttiva 91/628/KEE ma jkunx wassal għall-mewt tal-annimali, il-qorti għandha l-obbligu ġenerali li teżamina jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 615/98, tat-18 ta' Marzu 1998, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-welfare tal-annimali tal-ifrat ħajjin matul it-trasport ([3]), aġixxietx b'mod konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p.133

([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 17, p. 466

([3]) ĠU L 82, p. 19